MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru 869/2008

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J. Farrugia)

vs

Godfrey Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur tal-karta ta' identita' numru 0187579 (M) akkuzat talli nhar 28 ta' Ottubru 2007 ghall habta tal-5.30p.m. f'dawn il- Gzejjer Maltin u gewwa Triq il-Kosta ta' Bahar ic-Caghaq;

(a) Ghamel hsara volontarja ghad dannu ta' David Zammit li ghandu numru tal- karta tal-identita' 418569 (M), liema ammont tal-hsara hu izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69);

(b) Kif ukoll ikkawza feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna David Zammit li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 346173 (M) u Marcella Zammit li ghandha numru tal-karta identita’ 1415178 (M) u dan ai termini tal-artikolu 221 (1) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal- 21 ta’ Mejju, 2007 mil-Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., liema sentenza saret defentiva u ma tistax tinbidel.

Il- Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas- sigurta tal-persuni ta’ David Zammit li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 346173 (M) u Marcella Zammit li ghandha numru tal-karta identita’ 1415178 (M), l-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba ukoll li minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati, id-direttiva tal-Qorti dwar restrizzjoni jew kumpens taht l-Artikolu 28 H (i) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Semghet xhieda;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

l-imputazzjonijiet jittrattaw l-ikkagunar ta’ danni volontarji, l-ikkagunar ta’ feriti hfief u r-recidiva.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat ssibu hati.

Dwar d-danni dawn jirrisultaw li thalsu kif jinsab verbalizjat illum. Ukoll minn ‘Award’ tal-Arbitragg ipprezentat ukoll fl-udjenza tal- lum l-entita’ tad-danni ma jissuperawx l- € 500. Apparti dan l-parti leza irrinunzja ghal kull haga rinunzjabbli.

Fid-dawl tal-fuq espost u l-ammissjoni tal-imputat issibu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza.

Tiddikarja t-tieni procediment esawrit.

Rat l-Artikolu 325 (b), 49 u 50 tal-Kap 9. Jiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-artikolu 22 tal- Kap 446 u tilliberah ghal-sena mill-lum.

M’hiex tal-fehma li jinhtieg tipprovdi ghas- sigurta’ tal-parti leza u f’kull kaz huwa inapplikabbli l-Artikolu 28 H tal-Kap 9.

Spiegat lill – imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------